# It-Tlettax il-laqgħa tas-Sotto Kumitat ta' l-Organizzazzjoni t' Attivitajiet fin-Nadur

## Nhar It-Tlieta 7 ta' Jannar 2014 fis-7:30 p.m

**Preżenti:**

Charles Said, Sindku
Dr. Josianne Cutajar, Kunsillier
Dr. Rita Mifsud, Kunsillier
Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv
Raymond Vella
Andrew Muscat
Josef Camilleri
Antonia Portelli
Peter Buttigieg
Anton Said
Peter Muscat
James Buttigieg
Sammy Buttigieg

Eucharist Camilleri, Maria Natoli u Grace Portelli kienu skużati

---

1. Il-laqgħa bdiet b'talba.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tat-tnax il-laqgħa ġew approvati w iffirmati.

3. **Attivitajiet Milied 2013.** It-tiżjin tal-Milied fit-toroq principali fin-Nadur kien mill-isbaħ f' Għawdex. Il-Kunċert tal-MUZEW fil-Bażilika tan-Nadur nhar il-Milied kien suċċess kif kien ukoll is-Suq li sar nhar il-Ħadd 8 ta' Diċembru. Antonia Portelli ssuġġerit li jkun hemm mużika tal-Milied waqt din l-attivita. Din l-attivita ġibdet numru rekord ta' nies .

   Il-Presepju ħaj li sar fin-Nadur kien suċċess kbir. Kien hemm kummenti sbieħ ħafna dwar dan speċjalment dwar l-ambjent naturali fejn sar. Il-Kunsill kif ukoll il-parroċċa għandhom jinvestu aktar f'dan l-avveniment, li ghandu jibqa jsir kull sena. Il-wirja li saret fis-sala tal-Kunsill organizzata mill-Ghaqda Ħbieb tal-Presepju fin-Nadur ukoll kienet tajba w zaruha bosta persuni.

Charles Said, Sindku

Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

Is-show fit-toroq prinċipali u fi Pjazza San Pietru w San Pawl mill-Big Friends Guggen Musik li saret il-Ħadd 22 ta' Diċembru kienet success wkoll.

4. **Attivitajiet ta' Jum il-Kunsill 2013.** L-attivitajiet organizzati għal Jum il-Kunsill mifruxin fuq ħmistax kellhom konkorrenza tajba u saru kollha kif programmat. L-inawgurazzjoni tal-Monument f' Gieħ Bryan Portelli kienet organizzata tajba ħafna u ghalija attendew hafna nies. Is-serata tal-Premju Gieh in-Nadur waqt il-kunċert ta' San Koronatu kienet success wkoll.

Il-Kunsill irċieva kummenti sbieh dwar l-attivita ta' Blood Donation. Dan għaliex kien hemm numru kbir ta' donaturi ġodda li taw id-demm ghall- ewwel darba f'din il-ġurnata.

5. **Karnival 2014.** Il-Kunsill beda l-ħidma tiegħu għall-attivitajiet tal-Karnival. Din is-sena l-Karnival organizzat ser ikun diffiċċli biex jiġi organizzat peress li hemm numru kbir ta' parteċipanti li mhux ser jieħdu sehem fil-Karnival tan-Nadur peress li mhix ser jieħdu sehem fil-Karnival ta' Ghawdex. Dan għaliex inbidlu r-regolmenti fl-organizzazzjoni tal-Karnival ta' Għawdex. Is-Sindku nforma lis-Sotto Kumitat li hu kellu kuntatti mal-Kumitat tal-Kultura ta' Malta u dawn ser ikollhom grupp barrani ta' żeffiena minn Notting Hill, Londra. Dan il-grupp ser jiġi n-Nadur nhar it-Tnejn 3 ta' Marzu u jagħmlu "show" fil-Pjazza San Pietru u San Pawl fid-9:00 ta' filgħaxija. Barra dan il-grupp is-Sindku għamel kuntatti ma diversi gruppi li jieħdu sehem fil-Karnival ta' Malta u dawn ser jieħdu sehem fil-Karnival organizzat tan-Nadur.
Il-Kunsill qed jaħdem fuq sponsors għall-Karnival u s'issa għandu konferma ta' 2500Euro mill-General Soft Drinks Ltd. u għandu wkoll €5000 taħt l-iskema ta' attivitajiet kulturali. Minn din l-iskema il-Kunsill ha 2000Euro inqas mis-sena l-ohra. Il-Kunsill għandu jitlob l- għajnuna finanzjarja tal- Ministeru għal Għawdex u lil xi ditti oħra. Din is-sena l-Karnival Spontanju (is-Sibt 1 ta' Frar) ser jiġi transmess live fuq NET

Charles Said, Sindku

Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

TV. Il-Kunsill ser joħroġ sejha għall-kwotazzjonijiet inkonnessjoni mal-Karnival.

Bħala compere għal Karnival organizzat il-Kunsill stieden lil Joe Demicoli.

Tqassim ta' xogħol. Sammy Buttigeig ġie inkarigat biex jieħu ħsieb il-kukkanji. Raymond Vella ikun mal-Banda Guggen; Peter Buttigieg ma l-isfilata; Antonia Portelli u Ines Buttigieg fl-enclosure. Il-membi kollha tas-sotto kumitat gew mħeġġa biex jgħinu f'din l-attivita.

6. **Miss Queen Carnival.** L-attivita' ta' Miss Queen Carnival mhux ser tiġi organizzata din is-sena. James Buttigieg, President tas-Soċjeta Filarmonika Mnarja spjega li din l-attivita mhux tkun "feasible", barra minn hekk mhux ikun hemm ħafna parteċipanti minn Nadur jew minn Għawdex. Kien hemm tilwim kbir bejn il-kumpaniji li jorganizzaw din il-produzzjoni u spiċċat anke fuq il-mejda tal-parlament. Ghalhekk is-Soċjeta Filarmonika Imnarja ddecidiet li ma torganizax din l-attivita.

7. **Suq fil-Miftuh Speċjali.** Is-Sotto Kumitat qabel li jerġa isir *Open Market* Speċjali fl-okkazzjoni ta' Jum l-Omm, iżda mhux fil-ġurnata propja. Dan ghandu jsir ġimgħa qabel, jiġifieri fl-4 ta' Mejju 2014.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:15 p.m.

Charles Said, Sindku

Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv